Kunsill Reġjonali Għawdex

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 140/2025

**It-Tlieta, 18 ta' Marzu, 2025**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa il-boardroom fil-lukanda Kempinski (peress li fl-uffiċċju tar-Reġjun m'hemmx spazju). Il-laqgħa bdiet fis-6:30 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Brian Azzopardi | Sindku, Kunsilli Lokali tar-Rabat, *Città Victoria* |
| Is-Sur Damien Spiteri | Sindku, Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sur Baskal Saliba | Sindku, Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sinjura Marion Portelli | Kunsillier, Kunsill Lokali Xagħra |
| Is-Sur Joseph Mercieca | Kunsillier, Kunsill Lokali Fontana |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Sindku, Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Philip Cassar | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Ta' Sannat |
| Is-Sur Kevin Curmi | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Nadur* |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Buttigieg | Sindku, Kunsill Lokali Qala |
| Is-Sur Sammy Saliba | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Għasri |
| Is-Sinjorina Simone Refalo | Sindku, Kunsill Lokali Xewkija |
| Is-Sur Mario Azzopardi | Sindku, Kunsill Lokali Kerċem |

**ASSENTI:**

Kunsill Lokali Għarb
Kunsill Lokali San Lawrenz

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Il President ippresjeda l-laqgħa.

**140.1 <u>Talba</u>**

140.1 Il-laqgħa bdiet billi ntqalgħet it-talba tal-bidu.

**140.2 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.</u>**

140.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 139 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

**140.3 <u>Korrispondenza.</u>**

140.4.1 Ir-Reġjun irċieva talba mingħand Is-Sur George Cini, teżorier tal-Gozo Football Association (GFA) dwar il-kontijiet tal-pulizija li jkunu preżenti waqt il-logħob tal-leagues tal-football. F'dan il-ħin il-President, Dr. Samuel Azzopardi ħareġ mill-laqgħa biex ikun konformi mal-liġi, peress li huwa il-President tal-Gozo Football Association. Is-sur Cini talab għajnuna finanzjarja mingħand ir-Reġjun. Il-kontijiet tas-sena 2024 jammontaw għal madwar €45,000. Peress li l-kontijiet huma tal-pulizija, ġie diskuss jekk dawn jistgħux jiġu parti mill-iskema tal-LESA li sar permezz ta' ftehim ta' kollaborazzjoni ffirmat bejn l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u l-Aġenzija LESA fit-12 ta' Mejju 2023, fejn l-Aġenzija għaddiet l-ammont ta' €100,000 lil kull Reġjun. It-tali għajnuna ser tingħata f'forma ta' servizzi tal-Aġenzija, tal-Korp tal-Pulizija u tal-Protezzjoni Ċivili fuq perjodu ta' sentejn. Dawn jistgħu jiġu wtilizzati mir-Reġjun, Kunsilli Lokali, NGOs u għaqdiet volontarji oħrajn. Il-membri preżenti approvaw il-ħlas ta' €5,000 lil-Gozo Football Association minn din l-iskema. F'dan il-ħin ġie msejjaħ biex jirritorna għall-laqgħa, il-President tar-Reġjun Għawdex.

Il-Kunsilli s'issa kellhom *capping* ta' €4,000 kull wieħed minn dan il-fond. Il-President informa lill-Membri preżenti li s'issa kien hemm Kunsilli li għadhom ma applikawx għall-fondi minn din l-iskema u Kunsill wieħed biss laħaq il-capping ta' €4,000. Għaldaqstant il-capping ġie miżjud sa' €5,000 minn €4,000. L-għaqdiet li għandom x'jaqsmu mal-lokalitajiet għandhom japplikaw permezz tal-Kunsill rispettiv. Għaqdiet li huma reġjonali jistgħu japplikaw direttament mar-Reġjun Għawdex. Dawn iridu jissodisfaw ir-rekwiżiti mogħtija.

140.3.2 Ir-Reġjun ġie nformat li l-applikazzjoni tal-UE "Promoting Inclusion and Equality through Culture (Cultural twinning between Jerez de la Frontera and Gozo) ġie approvat. Iż-żewġ lokalitajiet huma kandidati għal European Capitals of Culture fis-sena 2031. Dan il-programm huwa dwar l-inklużjoni u l-ugwaljanza, partikolarment f'aspetti bħall-ġeneru, l-etniċità, ir-razza u l-popolazzjoni tal-immigranti.

140.3.3 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar il-miżata tal-ECAD (European Countries Against Drugs) għas-sena 2025. Din tammonta għal €125. Il-Kunsilli Lokali individwalment ukoll irċievew din it-talba. Dan l-ammont ġie approvat biex jitħallas.

140.3.4 Ir-Reġjun irċieva talba mingħand Dr. Sean Zammit, Head of College Network, Gozo College dwar għajnuna finanzjarja għall-produzzjoni ta' "Music Theatre International Musical Production" bl-isem ta' "Moana Jr." li se tinvolvi studenti minn Year 3 sa Year 6 mill-iskejjal primarji kollha ta' Għawdex. Il-membri talbu aktar dettalji dwar din it-talba.

140.3.5 Korrispondenza mingħand Teatru Malta dwar produzzjonijiet matul is-sena 2025. Dawn huma Boċċi ta' Musical (Gunju/Lulju 2025) u Repubblikgħana (sa l-aħħar tas-Sena). Dawn huma bla ħlas. Dawn ser jittellgħu fl-iskejjel Għawdxin.

140.3.6 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand Teatru Malta dwar il-produzzjoni .Ġambori 2025 li hija produzzjoni mtella' min-nies ta' aktar minn 60 sena biex jaħdmu t-teatru flimkien, l-ewwel b' serje ta' workshops, jismu Każin60+, li mbagħad iwassal għal festival fuq tlett ijiem jismu Ġambori. Ir-Reġjun Għawdex qed jiġi mitlub sabiex iħallas l-ispejjeż tal-ingaġġar ta' Direttur Għawdxi għall-komunita' Għawdxija li tipparteċipa fil-proġett (€3000 + VAT) u ingaġġar ta' assistenti tal-palk/jew kostumi Għawdxin biex jassistu f'dawk il-jiem, id f'id mal-maniġer tal-palk u s-superviżur tal-kostumi residenti ta' Teatru Malta (€2,000 + VAT).

Il-Membri tal-Kunsill Reġjonali Għawdex wrew interess f'din l-attivita iżda staqsew kemm fil-fatt hemm atturi/parteċipanti Għawdxin. Skond l-ammont ta' Għawdxin ser jingħata l-għajnuna finanzjarja.

140.3.7 Filwaqt li fil-laqgħa preċedenti ġew maħtura l-membri tal-MCESD, ir-Reġjun ġie mitlub biex jaħtar membri sostituti. Ġew maħtura bħala membri sostituti, il-Viċi Sindku tan-Nadur, is-Sur Kevin Curmi, is-Sindku taż-Żebbuġ, Għawdex, is-Sur Baskal Saliba u l-Kunsillier tal-Fontana, is-Sur Joseph Mercieca.

140.3.8 Il-Kunsill Reġjonali Għawdex ġie mitlub mill-Fondazzjoni Victoria 2031 għal aktar fondi sabiex ikun jista' jħallas l-ispejjeż inkonnessjoni mad-Direttur Artistiku. Dan jammonta għal €50,000. Dan ġie approvat mill-membri preżenti.

## 140.4 <u>Sena Regjun Kulturali 2025. Preżentazzjoni mingħand il-Maniġer tal-Kultura u Direttur Artistiku.</u>

140.4.1 Għal din il-parti tal-laqgħa kienet preżenti l-Maniġer tal-Kultura, is-Sinjorina Naomi Galea. Id-Direttur Artistiku, is-Sinjorina Elyse Tonna attendiet il-laqgħa virtwalment peress li kienet ma tiflaħx. Huma għamlu preżentazzjoni tal-ktieb li qed jiġi ppublikat dwar din is-Sena tal-Kultura – Għawdex 2025. Ġew ppreżentati wkoll l-attivitajiet għall-kumplament tas-sena 2025. Ma kienx hemm domandi. Il-programm ġie approvat.

140.4.2 Il-Maniġer tal-Kultura nformat lill-membri preżenti li hi flimkien mad-Direttur Artistiku għamlu żjara taħt il-binja tal-Arcadia. Il-President fakkarha li din diġà kienet ġiet diskussa internament fejn din il-proposta ma ġietx aċċettata għal diversi raġunijiet. Fosthom li hija propjetà privata u m'għandiex il-permessi meħtieġa. Is-Sinjorina Galea qalet li hi mhux qed tipproponi avvenimenti f'dan il-post iżda li ngħinu biex is-sidien jakkwistaw fondi Ewropej. Il-President qal li dawn it-tip ta' proposti għandhom jaslu għand ir-Reġjun bil-miktub u mhux jiġu ppreżentati fil-laqgħa.

**140.5 Ingaġġar ta' Public Relations/Communications Officer mar-Reġjun Għawdex.**

140.5.1 Il-President informa lill-membri preżenti li fil-preżent għandna kuntratt għall-PRO iżda dan mhux ilaħħaq mad-domanda tax-xogħol li hemm. Dan għaliex ir-Reġjun għandu Year of Culture 2025, Year of Gastronomy 2026 u qed iħejji għall-bid tas-sena Ewropeja tal-Kultura 2031. Inħasset il-ħtieġa li jkun hemm PRO/Communications officer fuq bażi ta' full time inkarigat mar-Reġjun. Dan ikun jista jgħin lill-Kunsilli Lokali fuq PR li għandhom x'jaqsmu ma, attivitajiet li jiġu organizzati flimkien mar-Reġjun Għawdex. Il-President qal ukoll li l-PRO li għandna bħalissa ġie mistieden biex japplika wkoll iżda dan ser ikompli bl-edukazzjoni tiegħu u most probabbli dan ser jagħmlu barra minn Malta. Il-membri preżenti qablu li r-Reġjun joħroġ din is-sejħa.

**140.6 Materji oħra.**

140.6.1 Il-Viċi Sindku tan-Nadur staqsa dwar il-laqgħa preċedenti fejn il-Kunsilli ġew mitluba biex iressqu t-talba tas-Sur Daniel Cilia biex il-Kunsilli japprovaw it-talba ta' ordni ta' emerġenza ta' konservazzjoni tal Kwartieri Ingliżi fil-Forti Chambray. Is-Sur Curmi qal li huma jappoġġjaw id-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem, iżda mhux ħa jieħdu pożizzjoni uffiċjali. Is-Sindku tal-Munxar qal li l-Kunsill tal-Munxar ukoll ħadu dan id-deċiżjoni.

140.6.2 Is-Sindku ta' Għajnsielem, Is-Sur Kevin Cauchi qal li waqt il-laqgħa mal-Isqof fl-okkażjoni tas-sena tal-Ġublew, l-Isqof tkellem ħafna dwar l-abbuż u użu tad-droga u l-ħsara li qed tagħmel. Is-Sur Cauchi staqsa jekk bħala Reġjun ta' Għawdex (jiġifieri l-Kunsilli Lokali kollha Għawdxin) għandniex użaw motto/messaġġ/slogan fuq kwalunkwe korrispondenza tagħna kontra d-droga. Il-President, Dr Samuel Azzopardi ssuġġerixxa li nitolbu lil-European Against Drugs (ECAD) għall-slogan li tintuża fuq livell internazzjonali.

140.6.3 Is-Sindku taż-Żebbug, is-Sur Baskal Saliba staqsa dwar l-allokazzjoni tal-ġbir tal-iskart. Hu ssuġġerixxa li jekk ir-Reġjun qed jingħata l-parti tal-allokazzjoni tal-ġbir tal-iskart minn kull Reġjun u dan mhux qed jintuża kollu għal dan il-għan jkun hemm skemi maħruġin mir-Reġjun bl-ammont żejda. Għal dan il-għan ir-Reġjun qed jiġbor informazzjoni mill-Kunsilli Lokali kollha biex jara kemm huwa l-ammont li tnaqqas mill-Kunsilli Lokali u l-ammont li qed jingħata mill-Gvern Ċentrali għall-maniġġjar tal-iskart.

140.6.4 Is-Sindku tar-Rabat, is-Sur Brian Azzopardi lmenta dwar il-fatt li l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart qed ikun strett ħafna u mhux jiġbor l-iskart kollu. Hu talab ukoll li mhux jitwaħħlu stickers mal-boroż li jkunu maħruġin fil-ġranet mhux skond l-iskeda. (Dan kien issir fil-passat). Dawk l-istickers kienu jitwaħħlu minn uffiċċjali tal-ERA. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiġbed l-attenzjoni dwar dan lill-ERA. Is-Sur Azzopardi qal li hu lest li jieħu ħsieb it-twaħħil ta' dawn l-istickers jekk dan jingħatawlu.

**140.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti.**

140.7.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 151 li kienet tammonta għal €197,194.10.

## 140.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss.

140.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-20:30 u ġiet skedata għan-nhar it-Tlieta 15 ta' April fis-6:30 ta' filgħaxija.

| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi | Rita Mifsud Attard |
| President | Segretarju Eżekuttiv |